MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 155/2005

**HSBC Bank Malta plc (reg. No. C3177)**

**-vs-**

**Patrick Pellegrini (ID 109758M) u martu Annunziata Pellegrini (ID 538956M).**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Frar, 2005 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fis-17 ta' Frar 2000 l-fond Nru. Seba (7) Iz-Zernieq, Triq il-Brunzar, Santa Venera gie registrat f'isem HSBC Bank Malta plc wara bejgh bis-subbasta datat 4 ta' Novembru 1999 (Dok A).

Li minkejja dan l-konvenuti baqghu joqghodu fl-istess fond u dan minkejja talbiet sabiex johorgu.

Li skond ir-rapport tal-perit Karm Farrugia l-fond ghandu valur lokatizju ta’ Lm1520 fis-sena (Dok B).

Li l-konvenuti qieghdin jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr titolu validu fil-ligi.

Ghalhekk jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddikjara li l-konvenuti qieghdin jokkupaw il-fond Numru 7 Iz-Zernieq, Triq il-Brunzar, Santa Venera minghajr titolu validu fil-ligi;

2. tordna lil konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond Numru 7 Iz-Zernieq, Triq il-Brunzar, Santa Venera;

3. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici stante l-okkupazzjoni illegali tal-fond in kwistjoni mill-4 ta’ Novembru 1999 sal-gurnata tal-eventwali ordni ta’ sgumbrament;

4. tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datat 28 ta’ April 2004 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa mill-P.L. Jonathan de Maria, I.D. 367569M u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-23 ta’ Mejju, 2005 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici in kwantu meta s-socjeta' attrici akkwistat il-fond de quo b'subasta hija ma akkwistax bil-pussess vakanti u kienet taf ben tajjeb illi dan il-fond kien fil-fatt ir-residenza tal-eccipjenti u tal-familja tieghu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, il-valur lokatizju indikat fil-korp tac-citazzjoni attrici huwa ferm eccessiv dati c-cirkostanza u l-istat tal-fond de quo;

3. Illi ulterjorment, minghajr pregudizzju ghal premess, l-eccipjenti sofrew danni bhala rizultat tal-proceduri ta' subasta imsemmija fil-korp tac-citazzjoni u li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici, meta fond f'din is-subasta inbiegh b'ammont ferm anqas minn dak li l-eccipjenti kellhom offerta ghalih qabel tali subasta, li kellha tigi rifjutata fuq insistenza tas-socjeta' attrici. Fil-konfront ta' tali danni l-eccipjenti qeghdin jirrizervaw d-drittijiet relattivi taghhom skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat ir-rapport ta' l-espert tekniku *ex parte* l-AIC Karm Farrugia.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-bank attur qed jitlob li l-konvenuti jigu sgombrati mill-

fond imsemmi fic-citazzjoni u li jigu kkundannati jhallsu d-danni ghall-okkupazzjoni llegali.

Il-kawza ma tippresentax diffikolatjiet ghaliex il-konvenuti mhux jikkontestaw t-talbiet *ut sic* hlief fejn jirrigwardja d-danni u qed jillamentwa biss li l-fond inbiegh ghal prezz baxx fis-subasta. Naturalment il-Qorti ma tistax tidhol f'dan il-mertu.

Ma hemmx kwistjoni li l-bank attur sar proprjetarju tal-fond in kwistjoni meta xtrah bis-subasta fl-4 ta' Novembru, 1999 u li ghalhekk minn dakinhar il-konvenuti baqghu jokkupawh minghajr titolu.

Kwantu ghad-danni, il-konvenuti ma kkontestawx l-istima tal-Perit Farrugia bi stima taghhom u ghalhekk il-Qorti se tistrieh fuq din l-istima – cioe' li l-fond jiswa' bhala kirja elf, hames mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm1,520) fis-sena u ghalhekk sal-llum tmint elef, disa' mija u sitta u tmenin Lira Maltin (Lm8,986).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha attrici – ghall-fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta' tlett xhur mil-llum; tillikwida d-danni ghas-somma ta tmint elf, disa' mija u sitta u tmenin Lira Maltin (Lm8,986) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma lill-bank attur. L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------